MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 1432/2004

**Zarb Bryan**

**Vs**

**Montefort Caroline**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta’ Lulju 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm750 (seba` mija u hamsin Lira Maltin) rapprezentanti danni ikkagunati f’incident awtomobilistiku li sehh nhar it-23 ta’ Novembru 2002 gewwa s-Swieqi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Thallas lill-attur is-somma ta’ seba` mija u hamsin lira (Lm750) rapprezentanti danni minnek kagunati u subiti mill-attur in segwitu ghal incident awtomobilistiku li sehh fi Triq St Andrews, Swieqi fit-23 ta’ Novembru, 2002 meta waqt illi kont qed issuq il-vettura bin-numru ta’

registrazzjoni EDW 666 hbatt mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 398 propjeta` ta' l-attur u misjuqa minnu – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident inti kont unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghn-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-incident tat-traffiku li gara fit-23 ta' Novembru 2002 ma' garax tort u htija tal-esponenti, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

Illi bla pregudizju ghas-suespost it-talbiet attrici f'dak li jirrigwarda danni huma ezagerati ghal kollox.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kawza odjerna tikkoncerna habta li saret fejn it-traffic lights ta' Saint Andrews fejn il-famuz "Jessy Bar" fuq il-lemin u l-Luxol Grounds Saint Andrews fuq ix-xellug. Iz-zewg vetturi kienu gejjin mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq biex imorru l-isfel. Ex admissis, l-attur ried imur lejn il-lemin u l-konvenut ried imur l-isfel lejn id-direzzjoni ta' Paceville. Mhux kontestat bejn il-partijiet illi, f'hin minnhom l-attur kien fuq il-lane ta' barra u l-konvenuta kienet fuq il-lane ta' gewwa u l-iskop li l-attur kien fuq l-lane ta' barra kien biex jikser fuq il-lemin tieghu, jithol hdejn Jessy Bar biex imur il-Hotel. Ex admissis ukoll da

parti tal-konvenuta, dina riedet tmur fid-direzzjoni ta' Paceville.

L-attur jallega li kien min dejjem fuq il-lane ta' barra u di fatti, waqaf fuq il-lane ta' barra fuq it-traffic lights. Dan huwa konfermat ukoll mill-passiggiera tieghu Edward Cardona u Anita Sammut. Li huwa nteressanti huwa dan li stqarret l-istess konvenuta. A tempo vergine, l-ufficjal tal-Pulizija nvestigattivi, dana kull ma qaltlu kien li kienet fuq in-naha ta' barra u gie l-attur min wara u laqatha min wara. Mentri waqt ix-xhieda minnha moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2005 a Fol 26 a sekwenza tal-process, dina stqarret li kienet fuq il-lane ta' gewwa ossia man-naha tal-bankina. Giet ghal fuq it-traffic lights, quddiemha kien hemm vettura, fuq in-naha tal-lemin ma kienx hemm vetturi, xelghet l-indicator u qasmet ghal fuq il-lights, ossia bidlet il-karregjata taghha.

Jigi ribadit illi l-istess konvenuta skond l-istess Tribunal ma kellha l-ebda raguni sana u gustifikabbli ghaliex f'dak il-mument kellha tibdel il-karregjata. Huwa ndikat u rinomat illi l-karregjata tal-lemin tista tintuza sia biex tmur fid-direzzjoni ta' Paceville, pero` hija uzata ukoll, maggor parti biex vettura tkun tista tikser lejn il-lemin biex tidhol ghas-Swieqi / Ibragg u dawk id-direzzjonijiet. Kieku l-konvenuta stenniet ftit bi ftit pacenzja li donnu jidher li fit-toroq taghna dina llum ma ghandhiex tezisti, kieku baqghat fuq il-lane taghha tax-xellug, din il-habta ma kenitx issir.

Hi tallega li tat indikazzjoni, pero` ghandu jigi ribadit darba ohra illi l-fatt illi vettura meta tigi biex tibdel id-direzzjoni jew il-karregjata tixel l-indicator biex taghti ndikazzjoni ta' warajha li ser tibdel l-istess karregjata, dan ma huwiex bizzejjed. Triq tittiehed aktar prekawzjoni illi trid taghti cans lill-vetturi ta' wara tinbidel id-direzzjoni u l-karregjata, illi ttijhom cans li jieqfu, jaddu jew jaghtuha l-precedenza. Il-fatt biss li wiehed jixghel l-indicator ma jezelerax mid-dover tieghu li ma jikkostitwix ruhu ta' periklu ghal utenti l-ohra fit-triq.

It-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni li l-istess kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenuta, stante li l-quantum tad-danni ma giex kontestat l-istess u allura qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, jilqa t-talbiet attrici u jikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' sebgha mija u hamsin lira Maltin (Lm750) bi spejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------